**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**Ahmed Abdalla Yakoup**
**Omissis**

**Illum 29 ta' April, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ahmed Abdalla Yakoup ta' 29 sena, bin Abdalla Alia nee' Khaled, mwieled il-Palestina, nhar it-8 ta' Settembru 1987 u residenza mhux maghrufa, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 36224 A u Omissis:

Akkuzati talli nhar l-Erbgha 2 ta' Ottubru 2013, ghal habta tal-22:30 hrs gewwa Vial Nelson Fil-Furjana;

Bil-hsieb li jaghmlu delitt, wrew dan il-hsieb b'atti esterni, taw bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza u hin u dan ghad detriment ta' Justin Aquilina, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta taghom, bi ksur ta' Artikolu 262(1)(a), 270, 41(a), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzati ukoll talli fl-istess data, post, hin ikkomettew serq li huwa ikwalifikat bil-hin, bil-valur u bil-vjolenza, ghad detriment ta' Essalami Hasheem u dan bi ksur ta' 262 (1)(a), 267, 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzati wkoll talli fl-istess data, post, hin u cirkustanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghdu l-hajja ta' Justin Aquilina f'periklu car, ikkagunawlu hsara fil-gisem jew fis-sahha, liema hsara hija ta' natura gravi bi ksur tal-artikolu 212 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Akkuzati wkoll talli fl-istess data, post, hin u cirkustanzi, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' Essalmi Hasheem f'periklu car, ikkagunawlu hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura hafifa bi ksur ta' Artikolu 214, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Ahmed Abdalla Yakoup wahdu talli;

Ikkometta reat waqt perjodu operattiv ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata ghal perjodu ta' sena hekk kif moghtija nhar

it-2 ta' Ottubru ta' l-2012 mill-Magistrat Dr A. Mizzi LL.D., liema sentenza hija meqjusa assoluta u ma' tistax tinbidel.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tikkunsidra lill-Ahmed Abdalla Yakoup u lil Omissis bhala recidivi ai termini ta' Artikoli 49, 50 u 289, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) Fl-artikoli 20, 31, 41(1)(a), 261(a)(f), 262(1)(a), 270, 274(a) u 277(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 20, 261(a)(c)(f), 262(1)(a), 267, 270, 274(c) u 277(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikoli 214, 215 u 218(1)(a)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Fl-artikoli 7, 21, 22, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) Fl-artikoli 17, 20, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Kunsiderazzjonijiet:

Dawn il-proceduri jitrattaw incident li sehh fit-2 ta' Ottubru 2013 fejn fih gie aggredit il-minuri Justin Aquilina li sofra griehi, kif ukoll gie ferut

Essalmi Hasheem u dan wara li dan tal-ahhar gie ukoll misruq. In segwitu ta' din l-aggressjoni tressqu b'arrest l-imputat flimkien ma' Omar Omar Osman.

Il-versjoni moghtija mill-parte leza hija li fit-2 ta' Ottubru 2013 Justin Aquilina, li dak iz-zmien kien minuri, kien qieghed jistenna fil-venda tal-karozzi tal-linja l-Furjana l-karozza tal-linja sabiex huwa jmur lura d-dar. Aquilina kien ghadu gej mill-futbol. Waqt li kien qieghed jistenna huwa kellu l-mowbajl f'idejh. F'hin minnhom ra lil Omar Omar Osman jimxi fid-direzzjoni tieghu u billi ssuspetta hazin Aquilina dahhal il-mowbajl fil-but. F'xi hin Omar waqaf quddiemu u pprova jaghtih daqqa izda ma laqtux ghaliex Aquilina ddefenda ruhu u beda jilqa' ghad-daqqiet. Dak il-hin kien hemm wiehed Libjan li kien bil-krozzi li beda jghid lil Omar biex ihalli lil Aquilina billi kien ghadu zghir. B'hekk Omar telaq lejn il-Furjana u Aquilina baqa' jistenna tal-linja. Aquilina cempel lill-pulizija. Sa dak il-hin jixhed li ma kien garrab l-ebda griehi hlief li kien ha tisbita mal-art billi meta beda jiggieled ma' Omar spiccaw it-tnejn mal-art u l-Libjan li rrizulta li kien Hasheem mar iferraqhom. Wara ftit minuti ra lil Omar u lill-imputat sejrin jigru fid-direzzjoni tieghu b'Omar ikollu injama f'idu u l-imputat b'hadida f'idejh. Huwa pprova jiddefendi ruhu izda Aquilina jispjega kif Omar tah bl-injama fuq dahru u b'hekk infetah mentri l-imputat tah daqqa bil-hadida fuq ghajnejh. Aqulina jixhed li meta qala' d-daqqa fuq ghajnejh huwa intilef minn sensih. Kif gie f'sensih baqghu jaghtuh. Imbaghad telqu jigru u rega' cempel lill-pulizija u qalilhom biex icemplu ambulanza. Meta waslu l-pulizija fuq il-post huwa rikeb mal-pulizija u baqghu sejrin il-poliklinik. Ippruvaw ukoll ifittxu lil min kien aggredih u huwa gharaf lill-imputat. Mill-poliklinik baghtuh l-isptar u zammewh jumejn. Aquilina jixhed li ghadu jsofri l-konsegwenzi tad-daqqa f'ghajnejh sallum. Apparti f'ghjanejh jirrizulta li Aquilina sofra wkoll griehi f'dahru u f'idejh.

Justin Aquilina jixhed li qatt ma kien ra lill-aggressuri tieghu qabel u bejniethom ma ntqalx xi diskors. Biss pero' dakinhar huwa kellu l-mowbajl, il-baskett bl-affarijiet tal-futbol u l-kartiera.

Dr Pierre Farrugia[1] jixhed li l-griehi sofferti minn Aquilina huma ta' natura *gravi per durata*. Dr Mario Scerri, l-espert nominat minn din il-Qorti[2] ikkonkluda li Aquilina ghandu lacerazzjoni taht is-supraorbital tal-lemin liema lacerazzjoni fieqet formazzjoni ta' cikatrici li tidher sew *within talking distance* u li l-probabilita' li din tibqa' marka permanenti fuq il-wicc. Infatti gie anki konstatat *de visu* minn din il-Qorti fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2015 li l-lacerazzjoni baqghet marka permanenti fuq wicc Justin Aquilina. Din il-marka fuq wicc Aquilina hija ferita a tenur tal-artikolu 216(1)(b) u mhux a tenur tal-artikolu 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 u dan in linea ma' dak deciz fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jonathan Zammit**[3] . Dan billi ghalkemm l-offiza li garrab Justin Aquilina fuq il-kappell ta' ghajnejh fuq in-naha tax-xellug tikkostitwixxi sfregju ta' natura permanenti, ma tikkwalifikax bhala sfregju gravi ghaliex ghalkemm tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u tidher minn distanza normali mhijiex tali li tikkaza xi forma ta' ribrezz.

Aqulina xehed li minn wara l-incident kellu jieqaf mill-futbol ghaliex jekk jaqla' daqqa hemm cans li jitlef id-dawl ta' ghajnejh. Ma jistax lanqas jerfa' oggetti tqal u dan affettwah anki fix-xoghol tieghu. Tant huwa hekk li t-tobba qalulu li ma jistax jerfa' toqol ghaliex ikun hemm cans li jitlef id-dawl ta' ghajnejh. Dwar dan il-Qorti tqis li ma ghandhiex provi in atti bizzejjed biex tasal ghal konkluzjoni li Aquilina sofra debulizza permanenti f'sahhtu.

Illi f'dan l-incident kien hemm ukoll involut Essalem Hasheem li kien il-persuna li kien fil-venda tal-karozza tal-linja jistenna. Huwa jixhed li Omissis mar fuqu u talbu sigarett izda huwa ma tahx. Omar tah b'hadida. Huwa jaf li dak il-hin vicin tieghu kien hemm tifel Malti jistenna tal-linja li kien qieghed jilghab bil-mowbajl u jiftakar li kellu basket fuq spallejh. Wara li Omar tah daqqa huwa ra lit-tifel u Omar li gew fl-idejn. Imbaghad wasal ukoll l-imputat u rahom isawtu lit-tifel u huwa beza' u telaq. Hasheem jixhed li fit-taqbida spicca mal-art u ma sabx il-kartiera u l-mowbajl tieghu li kien ghadu kemm xtara €260, mentri fil-kartiera ma jafx

[1] Dok GS1
[2] Seduta tat-3 ta' Settembru 2014
[3] Qorti tal-Appell Kriminali deciz fil-15 ta' Frar 2012

kemm kellu. Mic-certifikat mediku ezebit jirrizulta li Hasheem garrab griehi ta' natura hafifa.

Illi l-imputat jichad li b'xi mod kien involut attivament fil-glieda. Dan jirrizulta kemm mill-istqarrija kif ukoll mix-xhieda viva voce. L-imputat isostni li huwa kemm mar iferraq.

Biss pero' din il-versjoni mressqa mill-imputat mhix kredibbli ghaliex apparti li kemm Aquilina kif ukoll Hasheem jixhdu li raw lill-imputat flimkien ma' Omar, Aquilina xehed b'mod konsistenti li l-imputat aggredih b'hadida u anki Hasheem jixhed li l-imputat refa' jdejh fuqu. Inoltre' ma jitwemminx lanqas ghaliex l-imputat mar jistahba fl-iscaffoldings li kien hemm mas-swar u kien imxarrab bl-gharaq[4] meta instab mill-pulizija u gie arrestat ftit tal-hin wara l-incident. Il-fatt li ma nstabitx il-hadida mhux ta' konfort ghall-imputat billi l-istess imputat instab il-boghod mil-lok tal-aggressjoni u huwa kellu kull opportunita' li jehles minnha. Il-versjoni moghtija miz-zewg parte leza huwa wkoll korroborati mir-ritratti li ttiehdu a tempo vergine mill-esperti nominati mill-Magistrat Inkwirenti.

Illi ghalhekk inkwantu ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat din il-Qorti tqis li l-ewwel imputazzjoni ma gietx ippruvata u dan billi inkwantu ghall-ewwel parti tal-argument u glieda bejn Omar u Aquilina, l-imputat odjern ma kienx involut. Inkwantu ghat-tieni parti tal-glieda l-Qorti mhix konvinta bil-provi migjuba li l-involviment tal-imputat kien sabiex jisraq lil Aquilina.

Inkwantu ghat-tieni imputazzjoni jinsab ippruvat li lil Hasheem nsterqulu l-kartiera u l-mowbjal. Meta l-imputat instab ftit hin wara l-incident ma nstablu xejn fuqu. Izda huwa zgur li anki jekk l-imputat ma kienx l-awtur ta' dan ir-reat certament kien komplici fih. Dan is-serq kien aggravat bil-hin, bil-valur u kif ukoll bil-vjolenza billi gie ppruvat li l-imputat u Omar sawtu lill-istess Hasheem.

Inkwantu ghat-tielet imputazzjoni, din giet ampjament ippruvata kif indikat aktar 'il fuq. Jirrizulta wkoll li n-natura tal-griehi sofferti minn Justin Aquilina huma ta' natura gravi per durata hekk kif irrizulta mix-

[4] Xhieda PS1192 Martin Wyson

xhieda prodotti. Oltre' dan, din il-Qorti jidhrilha li gie ppruvat li l-imputat li kellu l-hadida f'idejh ta lil Aquilina bl-istess hadida fuq ghajnejh.

Ir-raba' imputazzjoni ukoll giet ippruvata billi x-xhieda ta' Hasheem hija wahda kredibbli u l-griehi jirrizultaw anki mir-ritratti u certifikat mediku ezebit.

Inkwantu ghall-hames imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni ezebit is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2012[5] kif ukoll sentenza moghtija fl-20 ta' Gunju 2013[6] li permezz taghha l-imputat gie kkundannat sitt (6) xhur prigunerija. F'din l-ahhar sentenza jirrizulta li l-imputat kien diga' gie akkuzat u misjub hati li kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv tal-liberta' kundizzjonata moghtija proprju fis-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2012 u ghaldaqstant il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjuzzjonu ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

Inkwantu ghal-addebitu tar-recediva dan jirrizulta ppruvat mis-sentenza ezebita appena citata.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni l-gravita' tar-reati u l-fedina penali tal-imputat. Din il-Qorti tqis li ghandha timponi piena karcerarja effettiva billi din l-aggressjoni kienet wahda serja hafna.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u minnha tilliberah u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 20, 42(d), 261(a)(c)(f), 262(1)(a), 267, 270, 274(c), 277(a), 214, 215, 216(1)(a)(ii)(b)u 221(1), 49, 50 u 289 ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta inkwantu ghat-tielet imputazzjoni issib lill-imputat hati li kkaguna offiza gravi bi ksur tal-artikolu 216(1)(a)(ii)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk mhux qieghed jinstab hati li kkaguna offiza gravissima bi ksur tal-artikolu 218(1)(a)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll issib lill-imputat hati tat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet u

[5] Dok SG a fol 323 tal-process
[6] Dok SG a fol 287 tal-process

tal-addebitu tar-recediva migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal hames (5) snin prigunerija.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' mitejn tmienja u sebghin u tnejn u tletin centezmu (€278.32) rapprezentanti nofs il-hlas ta' l-ispejjez tal-esperti mahtura. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Dr Josette Demicoli LL.D.

Magistrat